MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

SEDUTA NUMRU 21

IT-TLIETA 23 TA' MARZU 2010 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 19 inkluż l-aġġornament u tas-Seduta 20 ittieħdu bħala moqrija . Dawn ġew approvati wara li ġew emendati.

Is-Sindku pproponiet li jiġu approvati l-Minuti tas-Seduta 19 li saret fis-26 ta' Jannar 2010. l-Kunsillier F. Roe ssekonda. Dawn ġew approvati unanimament. Is-Sindku pproponiet li jiġu approvati l-Minuti tas-Seduta li saret fil-15 ta' Frar 2010. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Dawn ġew approvati unanimament. Is-Sindku pproponiet ukoll li jiġu approvati l-Minuti tas-Seduta li saret fid-9 ta' Marzu 2010. Il-Viċi Sindku A. Farrugia ssekonda. Il-votazzjoni kienet 3 favur u 2 astensjonijiet.

ii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M.Pisani.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

i Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-siġar fi Triq A. Craig ġew miżbura. Hija nfurmat ukoll li kellmet lil sid l-għalqa dwar is-siġar ta' Triq U. Mifsud biex dawn jinqatgħu. Dwar is-siġar fix-Xatt s-Sindku nfurmat li l-ELC se jieħdu ħsieb li dawn jinżabru meta jkun il-waqt.

ii Il-Kunsill ġie nfurmat li reġgħet saret talba lid-Dipartiment permezz tal-iskema fondi speċjali biex jiġu ffinanzjati l-ispejjes għal manutenzjoni tat-turġien tax-Xatt u r-resurfacing tat-Toroq Margerita u Testaferrata. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li l-Kunsill se jingħata fondi permezz ta' l-iskema Libreriji Pubbliċi.

iii Is-Sindku nfurmat li tkellmet mal-Perit dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-bankini u dan ikkonferma li l-bankini huma tal-konkos. Hija nfurmat ukoll li ġew imkejjla l-bankini li saru u l-Perit se jagħmel rapport u ċertifikazzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet biex ikunu jistgħu jiġu mħallsa l-kontijiet. Hija nfurmat ukoll li, wara li l-ħaddiema jlestu xi xogħlijiet li għandom b'urġenza f'Tas-Sliema, dawn se jkomplu l-kumplament tal-bankini.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

III PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli...)

iv Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mar-residenti tal-Blk E1 dwar l-instalazzjoni tal-photovoltaic panels. Hija rrappurtat li ħadd mir-residenti preżenti (7) ma oġġezjona għal dan il-proġett. Hija qalet ukoll li l-Inġinier ta' Pantalesco issuġġerixxa li l-panels jitwaħħlu fuq platform biex ma jkunx hemm piż fuq is-saqaf tat-turretta u sussegwentament saret laqgħa oħra mar-residenti u l-Inġinier D'Amato fil-preżenza tal-Kunsillieri E. Muscat u F. Roe. Għal din il-laqgħa attendew 6 mis-sidien tal-flats minkejja li dawn kienu nfurmati minn qabel. Ġie rrappurtat li f'din il-laqgħa ukoll ma kienx hemm oġġezzjoni dwar dan il-proġett. Is-Sindku qalet li riċentament hija ġiet avviċinata minn xi residenti fejn dawn qed jitolbu xi forma ta' kumpens biex jagħtu l-kunsens tagħhom biex jintuża l-isapzu ta' fuq it-turretta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fuq parir tal-Avukat hija kitbet lil Awtorita' tad-Djar biex jiġi vverifikat li dan l-ispazju jappartjeni lir-residenti. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li tinkiteb ittra oħra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet kif ukoll li ssir laqgħa oħra mar-residenti. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppropona li l-Kunsill jikkonsidra wkoll il-possibilta' li jikri l-arja.

v Is-Sindku rreferiet għat-talba tas-Sur Portelli biex titressaq il-bozza tat-triq. Hija nfurmat li l-Kuntrattur qal li din tista' tersaq biss ftit pulzieri u li se jagħmel stima tax-xogħlijiet involuti. Il-Viċl Sindku A. Farrugia qal li hemm bżonn ta' bozza ġdida mill-Blk E3 u l-Blk B4. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

vi Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill irċieva d-dokument tal-Environment Impact Statement dwar il-proġett tal-Flood Relief. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l- kummenti dwar dan iridu jaslu l-MEPA sat-13 ta' April 2010 . Is-Sindku nfurmat ukoll li tkellmet ma Perit residenti f'Ta' Xbiex dwar din il-materja u dan offra li jgħin lil Kunsill f'każ li jkun hemm bżonn għajnuna teknika.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli...)

v Dwar l-attivita' kulturali bejn Ta' Xbiex u Ilioupoli s-Sindku nfurmat li l-Griegi għadhom ma kkonfermawx li dawn se jipparteċipaw minħabba l-problemi finanzjarji tal-pajjiż. Hija qalet li dwar din il-materja kellha laqgħa mal-Ambaxxatur Grieg fejn dan ħeġġeġ li l- Kunsill jkompli għaddej bil-programm. Is-Sindku qalet ukoll li l-Ambaxxatur se jipprova jagħmel xi arranġamenti minn naħa tiegħu biex isib artisti u żeffiena Griegi biex jipparteċipaw. In vista ta' dan is-Sindku nfurmat li nkisbet l-approvazzjoni tal-EU biex l-attivita' issir f'Settembru. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-possibilta' li din l-attivita' ssir ma Lokalita' oħra li magħha jsir *friendship agreement*. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li hu kellu kuntatti ma rappreżentant mill-Kunsill ta' Deal dwar possibilta' ta' ġemellaġġ. Huwa rrapporta li din il-materja kellha tiġi diskussa mill-Kunsill. Is-Sindku qalet li kellha wkoll kuntatt mal-Coastal Forces Heritage Trust dwar il-possibilta' li jsir ġemellaġġ ma wieħed mill-Lokalitajiet li bħal Ta' Xbiex huma għandhom konnessjoni miegħu.

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku rrappurtat li fil-laqgħa li kellha mal-Onor. C. Said infurmatu bil-problema dwar l-attivita' kulturali msemmija hawn fuq. Hija rrappurtat ukoll li fil-laqgħa ġie diskuss is-servizz tas-Sur A. Teuma u l-Kunsill qabel li dan għalissa jibqa' kif inhu.

ii Il-Kunsill iddiskuta l-konferenza tal-ECAD (Europepan Cities against Drugs) li se ssir f'Għawdex f'April li ġej. Il-Kunsill qabel li jerġa' jissieħeb membru f'din l-organizazzjoni. Ġie approvat ukoll li s-Sindku u l-Kunsillier F. Roe jirrapreżentaw lil Kunsill f'din l-attivita'.

iii Is-Sindku nfurmat li se jibdew jiġu organizzati lezzjonijiet taż-żfin fil-Kunsill peress li kien hemm talba mir-residenti għal din l-attivita'. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli ...)

iv Is-Sindku rreferiet għal-Memo 40/2010 dwar ir-riforma ta' l-LES. Hija nfurmat li l-kummenti dwar din il-materja għandhom isiru sa nhar it-Tnejn 5 ta' April 2010.

v Il-Kunsill ġie nfurmat bl-ilmenti li saru mir-residenti ta' Princess Flats dwar il-bring-in-site li tpoġġiet fi Triq Ġ. Cali'. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li dawn għandhom jibqgħu fejn huma peress li mhux qed ikunu ta' inkonvenjent għar-residenti.

vi Is-Sindku infurmat li l-applikazzjoni biex il-Kunsill jissieħeb fil-proġett edukattiv Litusgo saret. Hija qalet li iktar 'il quddiem se tingħata aktar informazzjoni dwar din il-materja.

vii Dwar il-Jum Dinji tas-Saħħa il-Kunsill qabel li jekk hu possibbli jsiru xi taħdidiet fil-Kunsill dwar is-suġġett.

viii Il-Kunsill ġie nfurmat bl-inċident tat-traffiku li kien hemm fix-Xatt fejn saret ħsara lir-railings ta' wieħed mit-turġien. Il-Kunsill approva li tintalab is-somma ta' Euros125 biex tagħmel tajjeb għal ħsara kkaġunata.

xi Is-Sindku qrat l-ittra ta' William Galea dwar klabb tal-Futbol li jirrappreżenta lil Ta' Xbiex. Hija nfurmat li kellha laqgħa ma dawn iż- żgħażagħ li jixtiequ jiffurmaw team tal-futbol f'Ta' Xbiex u dawn esprimew ix-xewqa li jagħmlu l-laqgħat tagħhom (għalinqas darba f'sena) fil-Kunsill. Dan sabiex l-indirizz tal-klabb ikun fuq Ta' Xbiex u b'hekk ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-Kampjonat tal-MFA. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u talab li din it-talba ssir uffiċċjali minn naħa taż-żgħażagħ. Ġiet diskutta wkoll il-possibilta' li dawn jiffurmaw kumitat li fij ikun hemm membri persuni li joqgħodu fil-Lokalita' kif ukoll li l-Kunsill jagħmal talba lil-KMS f'isimhom biex jingħataw il-Klabb tal-Futbol li hemm fi Triq Abate Rigord.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli ...)

x Is-Sindku rrappurtat dwar il-każ tas-sightseeing buses. Hija qalet li, peress li l-ADT baqgħet tinsisti li din għandha tibqa' fejn saret, hija talbet li jintervjeni l-Ministru responsabbli biex ma jintilifx il-parking li sar fix-Xatt. Hija qalet li sussegwentament saret laqgħa mal-Uffiċċjali tal-Awtorita' fejn ressqet il-proposti tal-Kunsill.

## V KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERA

i Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li waqt laqgħa li kien attenda tal-GreenMT kien intqal li l-Kunsilli qed iqassmu lir-residenti il-boroż griżi b'xejn moghtija mill-Green MT. Is-Sindku qalet li waqt attivita' li ġiet organizzata riċentament kien għamel taħdita qasira s-Sur Joe Attard u anke qassam pakkett minn dawn il-boroż lil dawk preżenti pero' l-Kunsill qatt ma rċieva xejn dwar din l-iskema. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tindaga dwar dan.

Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrapporta li minkejja li ntbgħatu l-avviżi fid-djar xorta hemm minn għadu qed joħroġ il-boroż is-suwed nhar ta' Tlieta u Ġimgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din il-ġimgħa se jitqassam avviż ieħor bl-Ingliż.

ii Dwar il-Bye Law ta' Reklamar ma' l-Għamara tat-Toroq il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li bl-emendi tal-Liġi il-Kunsill għandu d-dritt li, jekk ma jingħatax risposta fi żmien stipulat, dan jista' jaqbad u jattwa. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tindaga dwar dan.

iii Il-Kunsillieri ressqu diversi lmenti li ttieħdet nota tagħhom biex tittieħed azzjoni neċessarja.

iv Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrapporta li fix-Xatt, fejn il-Kunsill talab li ssir devoluzzjoni, qed isiru xi xogħlijiet infrastrutturali probabbli mingħajr ma nħareġ il-permess. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tindaga dwar dan.

Antoinette Vassallo — Sindku

Marisa Pisani — Segretarju Eżekuttiv

## V KOMMUNIKAZZJONI MIL-KUNSILLIERA (jkompli ...)

v Il-Kunsillier F. Roe irraporta li fi Triq Abate Rigord, fejn qed isir l-iżvilupp, ġie magħluq l-aċċess tal-bankina bl-iscafolding. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tieħu l-passi meħtieġa dwar dan.

vi Il-Kunsillier E. Muscat ippropona li l-Kunsill jibda' jaħdem biex tiġi organizzata f'Ta' Xbiex Friendly Parade li fiha tipparteċipa ukoll in-Navy tal-pajjiżi li kienu nvoluti fit-Tieni Gwerra Dinjija. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li jiġu avviċinati l-Ambaxxati dwar din il-proposta.

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

i Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal Memo 45/2010 dwar resurfacing ta' toroq b'sistema ta' public private partnership. Hlja qalet li meta l-Kunsill ikun se joħroġ sejħa għall-offerti għal dan is-servizz għandu jieħu inkunsiderazzjoni din il-memo.

ii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li saret talba lil GreenMT biex jissuplixxu l-bins għas-serarazzjoni ta' l-iskart fix-Xatt. Hija fakkret ukoll fil-grant li ngħata l-Kunsill għal dan il-għan u qalet li kif jiġi kkonfermat li l-bins imsemmija se jingħataw tinħareġ sejħa għall-offerti għal bins (non organic) il-ġodda. Il-Kunsill qabel ma dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## VII APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-pagamenti skond l-iskeda li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri.

**Il-laqgħa spiċċat fid-9.30pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 27 ta' April 2010 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv